Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Maatschap T. van Oosterom en A. van Oosterom-Boelhouwer

Konvenuta: Staatssecretaris van Economische Zaken, Landbouw en Innovatie

Domanda preliminari

L-Artikolu 32 tar-Regolament Nru 796/2004 [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li għandha dejjem issir verifika fuq il-post, qabel ma jkun jista' jiġi deċiż, fuq il-bażi ta' rittratti mill-ajru li jkunu ttieħdu sabiex tiġi evalwata dikjarazzjoni, li dikjarazzjoni ppreżentata minn bidwi hija ineżatta?

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof te 's-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-31 ta' Ottubru 2012 — X vs Heffingsambtenaar van de gemeente Z

(Kawża C-486/12)

(2013/C 26/45)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Gerechtshof te 's-Hertogenbosch

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: X

Konvenut: Heffingsambtenaar van de gemeente Z

Domandi preliminari

(1) Id-dritt ta' aċċess (fuq il-bażi tal-Artikolu 79(2) tal-Wet GBA (Wet gemeentelijke basisadministratie persoonsgegevens — liġi dwar id-data personali miżmuma mill-amministrazzjonijiet munieipali)) huwa konformi mal-obbligu ta' komunikazzjoni ta' data li tkun qiegħda tiġi pproċessata skont kif ipprovdut fit-tieni inċiż tal-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 95/46/KE [1]?

(2) L-Artikolu 12(a) tad-Direttiva (95/46/KE) jipprekludi l-impożizzjoni ta' ħlas ta' dritt meta ssir komunikazzjoni, permezz ta' estratt mid-database munieipali, ta' data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata?

(3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda, l-impożizzjoni ta' ħlas ta' dritt inkwistjoni hija eċċessiva fis-sens tal-Artikolu 12(a) tad-Direttiva (95/46/KE)?

[1] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo nº 1 de Ourense (Spanja) fit-2 ta' Novembru 2012 — Vueling Airlines S.A. vs Instituto Galego de Consumo de la Xunta de Galicia

(Kawża C-487/12)

(2013/C 26/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso-Administrativo nº1 de Ourense (Spanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vueling Airlines S.A.

Konvenut: Instituto Galego de Consumo de la Xunta de Galicia

Domanda preliminari

(1) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Settembru 2008, dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali (l-Artikolu 97 tal-liġi 48/1960 dwar in-navigazzjoni bl-ajru) li tobbliga lill-kumpanniji ta' transport bl-ajru ta' vjaġġaturi jirrikonoxxu, fi kwalunkwe każ, lill-passiġġieri d-dritt li jirreġistraw bagalja mingħajr spiża addizzjonali jew żieda fil-prezz bażiku tal-biljett miftiehem?

[1] ĠU L 293, p. 3.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fil-5 ta' Novembru 2012 — Conseil national de l'ordre des médecins vs Ministère des affaires sociales et de la santé

(Kawża C-492/12)

(2013/C 26/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Conseil national de l'ordre des médecins